# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 6: Ngħixu bħal Ġesu**

**Lezzjoni 4: Fiex tiftakar?**

**Għanijiet:**



1. Jagħrfu kif ser isarrfu l-ħajja ta' Ġesu' fl-ħajja tagħhom billi jkunu xhieda tiegħu.
   Jiftakru fl-affarijiet mill-ħajja tagħhom li jfakkarhom f'Ġesu

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Logħba fuq l-interactive whiteboard It-triq li twassal għand Ġesu'.
- Il-kanzunetta *One Way Jesus*
- PowerPoint X'se tagħmel?
- *Karta ta' Taħriġ 6.4*



**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Uri l-maze fuq l-*interactive white board* u għid lit-tfal li rrdu nsibu t-triq li twassal għand Ġesu'.
- Agħżel tifel jew tifla biex jagħmlu dan.
- Dawwar il-paġna fuq l-*interactive white board* u staqsi lil xi tifel jew tifla biex jaqraw x'hemm miktub.




- Spjega li permezz tal-qawmien mill-mewt tiegħu, Ġesu' tana prova li huwa verament it-triq, il-verita' u l-ħajja. Jekk nimxu fuq it-tagħlim tiegħu, se naslu għand Alla l-Missier.



**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Għid lit-tfal li biex insarrfu l-qawmien mill-mewt ta' Ġesu' fl-ħajja tagħna rridu nkunu xhieda tiegħu.
- Spjega li nkunu xhieda ta' Ġesu' tfisser li rridu nagħmlu dak li jixtieq minna Hu.

- Għid lit-tfal li flimkien se naraw sitwazzjonijiet differenti u se niddiskutu kif konna nġibu ruħna aħna kieku konna fl-istess sitwazzjoni.
- Uri t-tliet sitwazzjonijiet differenti permezz tal-*powerpoint* X taghmel? u ddiskutihom flimkien mat-tfal.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb ta' Taħriġ 6.4 u bħala klassi iddis Attivita 1  u 2 li qegħdin fuq l-istess linja ta' ħsieb.
- Attivita A jridu jqabblu l-oġġetti mal-grajja:  2, 4, 1, 5, 6, 3
- Attivita 2: 6, 1, 4, 1, 3, 2
- . Iddiskuti Attivita Sam u Tara u enfasizza l-importanza tal-ghajnuna lil kulħadd.





**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

- Irridu nagħżlu dejjem li nagħmlu dawk l-affarijiet li jixtieq minna Ġesu' ħalli b'hekk inkunu dejjem xhieda tiegħu f'dak kollu li nagħmlu.
- Meta nsibuha diffiċli biex nagħmlu dan, għandna dejjem ni lil Ġesu' biex jgħinna.



**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

- Kulħadd jixtieq imur il-Ġenna u biex naslu hemm, it-Triq hija ĠESU'.
- Biex nimxu warajh irridu nagħżlu li nagħmlu l-affarijiet li jagħġbu lilu.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Għid lit-tfal li se nisimgħu il-kanzunetta *One way Jesus*.

Ixgħel il-mużika bil-lirika, li se ssib fil-file lit-tfal biex ikunu jistgħu isegwu.




**Nitolbu**

Iġbor it-tfal f'ċirku u filwaqt li jagħmlu jdejhom flimkien se jgħidu din it-talba:

Agħmel Ġesu' li aħna dejjem nagħmlu dak li tixtieq minna int ħalli nkunu dejjem xhieda tiegħek.

